MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
El Gamodi Mustafa, iben Ahmed,
imwieled il-Libya fl-1 ta' awissu,
1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-13 ta' mejju, 2002, għal ħabta tal-10.15 p.m. ġewwa r-Rabat –

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Marion Camilleri li ġġib debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabet difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u/jew ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ jew fl-għonq;
2. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-

regolamenti, għamel ħsara jew għarraq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAJ 571, għad-dannu ta' Marion Camilleri u li minħabba f'hekk Marion Camilleri sofriet offiża gravi fuq il-persuna li ġġib
il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;
3. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, għamel ħsara jew għarraq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCK 629, għad-dannu ta' Raymond Mizzi;
4. saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCK 629, b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża;
5. saq l-imsemmija vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCK 629, b'ġiri aktar milli jmissu;
6. saq l-imsemmija vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCK 629, fuq in-naħa ħażina tat-triq.
Il-prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija, barra mill-piena stabbilita, l-akkużat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533
tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' april, 2003 fejn il-partijiet qablu li mhemmx provi dwar ir-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief ir-raba' akkuża.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat

l-artikoli 216(1)(d) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-A.L. 128 ta' l-1994 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300). Inoltre, rat
l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' tlett mija u sebgħa u ħamsin liri maltin (Lm 357) spejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------